



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0233/2010

16.7.2010

RAPPORT

dwar ir-rwol tad-dħul minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' soċjetà inklużiva fl-Ewropa
(2010/2039(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Ilda Figueiredo

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	18
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	27

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir- rwol tad-dħul minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' soċjetà inklużiva fl-Ewropa (2010/2039(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 9, 14, 19, 151 u 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) adottata fl-1979,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, li ġiet ikkonfermata mill-ġdid waqt il-konferenza dinjija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-1993, u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 16, 18, 23, 25, 26, 27 u 29 tagħha,
- wara li kkunsidra l-patt internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1966 dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet tal-Iżvilupp għall-Millennju stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti fl-2000, b'mod partikolari t-tnaqqis tal-faqar estrem u tal-ġuħ (l-ewwel għan), il-possibilità ta' edukazzjoni primarja għal kulħadd (it-tieni għan) u l-ugwaljanza tal-opportunitajiet għall-irġiel u n-nisa (it-tielet għan),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Nri 26 u 131 dwar l-iffissar tal-pagi minimi u n-Nri 29 u 105 dwar l-abolizzjoni tax-xogħol sfurzat,
- wara li kkunsidra l-Patt Globali dwar l-Impjiegi tal-ILO,
- wara li kkunsidra l-aġendi għax-xogħol deċenti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-ILO,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tagħha dwar id-drittijiet soċjali¹,
- wara li kkunsidra l-artikoli 34, 35 u 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jiddefinixxu b'mod speċifiku d-dritt għall-għajnuna soċjali u għall-akkomodazzjoni, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-aċċess għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali²,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-ILO intitolat “Alleanza globali kontra x-xogħol sfurzat. Rapport globali skont is-segwitu tad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol. Rapport tad-Direttur Ġenerali, 2005”,

¹ ĠU C 364 tat-18.12.2000.

² ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 1992, dwar il-kriterji komuni relatati mar-riżorsi u l-assistenza soċjali fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali (Rakkomandazzjoni dwar id-dħul minimu)¹,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 92/442/KEE tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 1992, dwar il-konverġenza tal-objettivi u tal-politiki tal-protezzjoni soċjali²,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill EPSCO waqt l-2916-il sessjoni tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2008³,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)⁴,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2006 dwar Mudell Soċjali Ewropew għall-ġejjieni⁵,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal fl-UE⁶, u r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi li jirreferi għaliha (A6-0364/2008)⁷,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-aġenda soċjali mġedda⁸,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni attiva tan-nies li huma esklużi mis-suq tax-xogħol, u r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol⁹,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub tiegħu Nru 0111/2007 tat-22 ta' April 2008 fuq li jinġieb fi tmiemu l-istat ta' dawk li jgħixu fit-toroq għax bla dar¹⁰,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv'¹¹,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2010 għal deċiżjoni tal-

¹ ĠU L 245, 26.8.1992, p. 46-48.

² ĠU L 245, 26.8.1992, p. 49-52.

³ Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Komunikat għall-istampa, 16825/08 (Stampa 358) p.18.

⁴ ĠU L 298, 7.11.2008, p. 20.

⁵ ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 141.

⁶ ĠU C 9 E, tat-15.1.2010, p. 11.

⁷ Testi adottati, P6_TA(2008)0467.

⁸ Testi adottati, P6_TA(2009)0370.

⁹ Testi adottati, P6_TA(2009)0371.

¹⁰ Testi adottati, P6_TA(2008)0163.

¹¹ COM(2010) 2020 tat-3.3.2010.

Kunsill dwar linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi¹,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0233/2010),
- A. billi l-aġenda soċjali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2005-2010 avvanzat bl-għażla tal-2010 bħala s-“Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali” bl-għan li jiġi affermat mill-ġdid u li jiġi rinfurzat l-impenn politiku inizjali meħud mill-UE fit-tneġġja tal-istrateġija ta' Lisbona bl-għan li jkun hemm “impatt deċiżiv fuq il-querda tal-faqar”,
- B. billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali huma vjolazzjonijiet tad-dinjità umana u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u l-oġġettiv ċentrali tal-iskemi ta' appoġġ tad-dħul għandu jkun li jerfa' lin-nies mill-faqar u jħallihom jgħixu fid-dinjità,
- C. billi, minkejja l-prosperità ekonomika u d-dikjarazzjonijiet kollha dwar it-tnaqqis fil-faqar, l-inugwaljanzi soċjali marru għall-agħar u billi 17% tal-popolazzjoni (jiġifieri kważi 85 miljun persuna), fi tmiem is-sena 2008, kienu jgħixu taħt il-linja tal-faqar, anki wara l-għotjiet soċjali², filwaqt li fl-2005, dan il-perċentwali kien ta' 16 % u fl-2000 ta' 15 % fl-UE15,
- D. billi r-rata tar-riskju tal-faqar hija ogħla għat-tfal u ż-żgħażaġh li għandhom sa 17-il sena milli għall-popolazzjoni kollha; billi din kienet tilħaq l-20% fl-2008 fl-UE-27, filwaqt li l-ogħla r-rata kienet ta' 33%,
- E. billi-anzjani wkoll huma esposti għal riskju ogħla ta' faqar milli l-popolazzjoni ġenerali; billi l-livell ta' riskju ta' faqar tal-anzjani ta' 65 jew ixxeh kien ta' 19% fl-UE-27 fl-2008, filwaqt li din iċ-ċifra kienet ta' 19% fl-2005 u ta' 17% fl-2000,
- F. billi l-livell dejjem ogħla ta' impjiegi prekarji u ta' pagi baxxi f'ċerti setturi jimplika li l-persentaġġ ta' ħaddiema mhedda bil-faqar jinsab staġnat f'livell għoli; billi l-livell tar-riskju ta' faqar tal-popolazzjoni okkupata kien ta' 8% bħala medja fl-UE-27 fl-2008, filwaqt li fl-2005 din iċ-ċifra kienet ta' 8% u fl-2000 kienet ta' 7% fl-UE-15;
- G. billi fir-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 il-Kunsill jirrakkomanda lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu d-dritt bażiku li persuna għandha għal riżorsi u assistenza soċjali adegwati biex tgħix b'mod li jkun kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem; billi fir-Rakkomandazzjoni 92/442/KEE tas-27 ta' Lulju 1992 il-Kunsill jirrakkomanda li l-Istati Membri jiggarrantixxu standard diċenti ta' għajxien; billi fil-konklużjonijiet tas-17 ta' Diċembru 1999 il-Kunsill approva l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali bħala wieħed mill-oġġettivi tal-modernizzazzjoni u t-titjib tal-ħarsien soċjali,
- H. billi n-nisa jirrappreżentaw parti importanti tal-popolazzjoni mhedda bil-faqar minħabba

¹ COM(2010) 193 finali

² Il-limitu minimu nazzjonali tar-riskju tal-faqar ġie stabbilit għal 60 % tad-dħul medjan nazzjonali, limitu li huwa inferjuri mid-dħul medju.

l-qgħad, ir-responsabilitajiet li jaqgħu kollha fuq spallejhom fil-kura tal-oħrajn, ix-xogħol prekarju u mħallas ħażin, id-diskriminazzjoni fil-pagi u l-pensjonijiet iktar baxxi tagħhom,

- I. billi r-riskju li wieħed jaqa' f' faqar estrem huwa akbar għan-nisa milli għall-irġiel; billi x-xejra persistenti lejn il-femminizzazzjoni tal-faqar fis-soċjetajiet Ewropej turi li l-qafas attwali tas-sistemi tal-ħarsien soċjali u l-firxa wiesgħa ta' politiki soċjali, ekonomiċi u tal-qgħad fl-Unjoni mhumiex maħsuba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nisa jew biex jindirizzaw id-differenzi speċifiċi li hemm fix-xogħol tan-nisa; billi l-faqar fost in-nisa u l-esklużjoni soċjali tagħhom fl-Ewropa jirrikjedu tweġibiet ta' politiki li jkunu speċifiċi, multipli u speċifiċi għall-ġeneru,
- J. billi r-riskju li dak li jkun jaqa' f' faqar estrem huwa akbar għan-nisa milli għall-irġiel, partikolarment fix-xjuħija, minħabba li s-sistemi tas-sigurtà soċjali spiss huma bbażati fuq il-prinċipju tal-impjieg kontinwu b'rimunerazzjoni; billi dritt individwalizzat għal dħul minimu li jservi ta' prevenzjoni tal-faqar m'għandux jiddependi minn kontribuzzjonijiet marbuta mal-impjieg,
- K. billi l-qgħad fost iż-żgħażaġħ tela' għal livelli li qatt ma kien hawn bħalhom, fejn laħqu l-21,4% fl-Unjoni Ewropea, b'livelli li jvarjaw minn 7.6 % fil-Pajjiżi l-Baxxi għal-44,5% fi Spanja u 43.8 % fil-Latvja, u l-apprendistati u l-perjodi ta' taħriġ ta' daww ikkwalifikati (internships) offruti liż-żgħażaġħ spiss mhumiex imħallsa jew għandhom rimunerazzjoni fqira,
- L. billi persuna minn kull ħamsa taħt l-età ta' 25 sena fl-UE tinsab qiegħda, filwaqt li l-ħaddiema li għandhom aktar minn 55 sena huma ċ-ċittadini Ewropej li l-aktar huma affettwati mill-qgħad u li jridu jiffaċċjaw ukoll il-problema speċifika u gravi tal-probabilità li qed dejjem tonqos li jsibu impjieg aktar ma jikbru fl-età,
- M. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika wasslet biex l-offerta tal-impjegi qiegħda dejjem jonqos, b'estimi li juru li ntilef aktar minn 5 miljun impjieg minn Settembru 2008 'l hawn, u li l-prekarjetà żdiedet,
- N. billi ma teżisti ebda dejta uffiċjali Ewropea dwar is-sitwazzjonijiet ta' faqar estrem, bħal rigward persuni bla dar, u li minħabba f'hekk huwa diffiċli li jkunu segwiti x-xejriet attwali,
- O. billi s-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali għandu jkollha impatt kruċjali fuq it-tqajjim tal-għarfien dwar l-esklużjoni soċjali u, kollorament, l-esklużjoni soċjali, kif ukoll li ttejjeb is-soluzzjonijiet politiċi għal din l-esklużjoni, li għandha tippromwovi l-inklużjoni attiva, l-iżgurar ta' dħul adegwat, aċċess għal servizzi ta' kwalità u appoċċi ta' appoġġ lejn xogħol diċenti, li jeħtieġu tqassim mill-ġdid ġust tad-dħul u tar-riżorsi u jinvolvu miżuri li jiżguraw koeżjoni ekonomika u soċjali effikaċi fil-livell Ewropew u bejn ir-reġjuni Ewropej, u li l-paga minima tista' ttipprovdi sistema xierqa ta' protezzjoni għan-nies li huma emarġinati u vulnerabbli,
- P. billi l-għanijiet u l-prinċipji gwida tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali huma r-rikonoxximent tad-drittijiet, ir-responsabbiltajiet maqsuma u l-parteċipazzjoni, il-koeżjoni, l-impenn u l-azzjonijiet konkreti;

- Q. billi l-klima ekonomika u finanzjarja fi ħdan l-UE-27 trid tkun evalwata tajjeb sabiex tinkuraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu rata ta' dħul minimu li tippermetti titjib fil-livell ta' għajxien filwaqt li tiffavorixxi l-kompetittività;
- R. billi l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li twettaq l-Għanijiet tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti u r-risoluzzjoni li tiddikjara t-tieni deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-qerda tal-faqar (2008-2017),
- S. billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom natura b'ħafna dimensjonijiet, l-eżistenza ta' gruppi tal-popolazzjoni partikolarment fil-bżonn (tfal, nisa u anzjani, persuni bi bżonnijiet speċjali u oħrajn), inklużi l-immigranti, il-minoranzi etniċi, il-familji numerużi jew b'ġenitur wieħed, il-persuni b'mard kroniku u l-persuni bla dar, kif ukoll il-ħtieġa jkunu integrati f'politiki Ewropej oħrajn miżuri u strumenti li jkollhom l-iskop li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; billi jeħtieġ jiġu definiti linji gwida għall-Istati Membri sabiex jiġu inklużi fil-politiki nazzjonali biex jiggwarantixxu sistemi ta' sigurtà u ħarsien soċjali ta' kwalità, l-aċċess universali għal infrastrutturi aċċessibbli u għas-servizzi pubbliċi ta' interess ġenerali, għall-impjiegi ta' kwalità u bid-drittijiet u l-garanzija ta' dħul minimu li jipprevjeni l-faqar u jippermetti lil kulħadd parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, kulturali u politika u ħajja dinjituża,
- T. billi l-livell enormi tal-faqar jaffettwa mhux biss il-koeżjoni soċjali fi ħdan l-Ewropa, imma wkoll l-ekonomija tagħna peress li l-esklużjoni ta' partijiet kbar mis-soċjetà tagħna fuq bażi permanenti ddgħajjef il-kompetittività tal-ekonomija tagħna u żżid il-persjoni fuq il-baġits pubbliċi tagħna,
- U. billi l-ħtieġa li jiġi stabbilit għan globali, partikolarment fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropea 2020, filwaqt li tingħata prijorità lill-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u lid-difiża tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ħaġa li tinvolvi bilanċ bejn il-politiki ekonomiċi, dawk tal-impjiegi, il-politiki soċjali, reġjunali u ambjentali u t-tqassim mill-ġdid ġust tar-riżorsi u tad-dħul, filwaqt li jitqiesu l-bidliet drammatiċi fir-rati ta' dipendenza, li minn dan joħroġ il-bżonn li jsiru studji tal-impatt soċjali għad-deċiżjonijiet kollha, u li tiġi applikata l-klawżola soċjali orizzontali li tinsab fit-Trattat dwar il-Funzjomanet tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 9),
- V. billi r-rispett għad-dinjità umana huwa wieħed mill-prinċipji li fuqhom hija ffondata l-Unjoni Ewropea, li l-azzjoni tagħha hija maħsuba biex tippromwovi l-impjieg sħiħ u l-progress soċjali, biex jiġu miġġielda l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u biex jiġu promossi l-ġustizzja u l-ħarsien soċjali,
- W. billi wieħed jikkunsidra l-ħtieġa li jiġu żgurati l-applikazzjoni, iż-żieda u użu aħjar tal-fondi strutturali rigward il-prevenzjoni tal-faqar, l-inklużjoni soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi aċċessibbli, ta' kwalità u bid-drittijiet,
- X. billi wieħed jikkunsidra r-rwol tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali biex jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' koeżjoni soċjali għall-iżvilupp biex tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali u sabiex jittaffew il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi ekonomika, ħaġa li timplika dħul minimu ggarantit individwalment fil-livell nazzjonali li jipprevjeni l-faqar, titjib fil-livell ta' kompetenzi, taħriġ u edukazzjoni tal-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol minħabba l-persjoni tal-kompetizzjoni, kif ukoll garanzija tal-ugwaljanza u tal-opportunitajiet fis-

suq tax-xogħol u fl-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali,

- Y. billi d-dħul u t-tishiĥ tal-iskemi tad-dħul minimu huwa mod importanti u effettiv kif jingħeleb il-faqar billi jiġu appoġġjati l-integrazzjoni soċjali u l-aċċess għas-suq tax-xogħol u billi n-nies jitħallew li jkollhom għajxien xieraq,
- Z. billi l-iskemi tad-dħul minimu huma għodda importanti biex tiggarrantixxi s-sigurtà lin-nies li jeħtieġu li jegħlbu l-konsegwenzi tal-esklużjoni soċjali u l-qgħad u biex tappoġġja l-aċċess għas-suq tax-xogħol; billi dawn l-iskemi tad-dħul minimu jwettqu rwol rilevanti fir-ridistribuzzjoni tal-ġid u fl-iżgurar tas-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali u, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi, jwettqu rwol kontroċikliku billi jipprovdu riżorsi addizzjonali li jsaħħu d-domanda u l-konsum fis-suq intern,
- AA. billi, skont sħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru dwar l-attitudnijiet taċ-ċittadini tal-UE għall-faqar, il-maġġoranza l-kbira (73 %) tqis li l-faqar huwa problema li tinsab fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, 89 % jitolbu li l-gvernijiet tagħhom jieħdu azzjoni b'urġenza biex jiġġieldu kontra dan il-fenomeni u 74 % jistennew li l-UE jkollha wkoll rwol importanti f'dan il-kuntest,
- AB. billi kkunsidra l-effetti soċjali gravi tal-kriżi ekonomika li tellfet l-impjiegi ta' aktar minn 6 miljun ċittadin Ewropew fl-aħħar sentejn,
- AC. billi kkunsidra l-gravità tal-kriżi ekonomika u soċjali u l-impatt tagħha f'dak li jirrigwarda ż-żieda tal-faqar u tal-esklużjoni u l-qgħad li qed jikber (minn 6.7 % fil-bidu tal-2008 għal 9.5 % fi tmiem l-2009), b'terz ta' daww qiegħda milquta mill-qgħad fit-tul, hekk li s-sitwazzjoni hija agħar fl-Istati Membri l-aktar ekonomikament vulnerabbli,
- AD. billi ċerti Stati Membri huma mġiegħla mill-Kunsill u l-Kummissjoni u minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-FMI biex inaqqsu f'termini qosra ta' żmien id-defiċits baġitarji tagħhom li marru għall-agħar minħabba l-kriżi, u sabiex iwettqu qtugħ fl-infiq, inkluż infiq soċjali, li qed idgħajjef il-qagħda soċjali u jaggrava l-faqra;
- AE. wara li kkunsidra l-inugwaljanza dejjem akbar f'ċerti Stati Membri, ir-riżultat fuq b'mod partikolari tal-inugwaljanza ekonomika f'daww li huma dħul u tqassim tal-ġid, inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol, nuqqas ta' sigurtà soċjali, aċċess inugwali għall-funzjonijiet soċjali tal-istat bħalma huma l-benefiċċji soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-sistema legali, eċċ.;
- AF. wara li kkunsidra l-applikazzjoni tal-politika tal-UE għall-inklużjoni soċjali, u b'mod partikolari l-oġġettivi u l-programm Ewropew relatati adottati skont l-Istrateġija ta' Lisbona fil-bidu tas-snin 2000, bl-implimentazzjoni tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinament u l-oġġettivi komuni li jridu jintlaħqu skont il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali,
- AG. billi l-parti l-kbira tal-Istati Membri issa għandhom għadd kbir ta' nies bla dar, grazzi għad-diversi fatturi, li jitlob li jittieħdu miżuri speċifiċi għall-integrazzjoni soċjali tagħhom,
- 1. Jenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri konkreti li jeliminaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali billi

jìgu esplorati t-toroq li jippermettu li n-nies jerġgħu jsibu impjiegi billi jitħeġġeġ it-tqassim mill-ġdid ġust tad-dħul u tar-riżorsi, hekk li jingħata sens u sostanza reali lis-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u tingħata wkoll assigurazzjoni wirt politiku qawwi għat-twettiq tal-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju, inkluża l-garanzija ta' dħul minimu xieraq biex jippreveni l-faqar u favur l-inklużjoni soċjali abbażi ta' Prattiki nazzjonali differenti, ftehimiet kollettivi jew leġislazzjoni tal-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea kollha, u b'ħidma attiva għall-promozzjoni ta' sistemi adegwati ta' dħul u ta' protezzjoni soċjali; jistieden lill-Istati Membri biex jirvedu l-politiki maħsuba biex jiggarrantixxu dħul adegwat, meta huwa magħruf li l-ġlieda kontra l-faqar teħtieġ il-ħolqien ta' impjiegi deċenti u sostenibbli għall-kategoriji soċjali żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol; jikkunsidra li kull ħaddiem għandu jkun jista' jgħix b'mod dinjituż; jikkunsidra li l-politika tal-welfare timplika politika attiva rigward is-suq tax-xogħol;

2. Ifakkar li t-tnaqqis reċenti fir-rata ekonomika, iż-żieda fil-livell tal-qgħad u t-tnaqqis ta' opportunitajiet ta' xogħol, idaħħlu lil ħafna nies fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali u li dan huwa l-każ b'mod partikolari f'xi Stati Membri li jbatu minn livell ta' qgħad jew inattività fit-tul;
3. Jitlob li jsir progress reali dwar l-adeqwatezza tal-Iskemi tad-Dħul Minim u sabiex dawn ikunu jistgħu jeħilsu kull tifel u tifla, adult u persuna anzjana mill-faqar u jagħtuhom id-dritt li jgħixu ħajja dinjituża;
4. Jenfasizza d-differenzi foqasma varji (saħħa, djar, edukazzjoni, dħul u impjiegi) fost il-gruppi soċjali li jgħixu fil-faqar u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw dawn id-differenzi fil-miżuri mmirati tagħhom; jenfasizza li wieħed mill-modi l-aktar effettivi biex jitnaqqas il-faqar huwa li s-suq tax-xogħol isir aċċessibbli għal kulħadd;
5. Jenfasizza l-ħtieġa li l-programmi tat-tagħlim tul il-ħajja jingħataw importanza partikolari bħala għodda bażika fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, billi dawn isaħħu l-impjegabbiltà u l-aċċess għall-għarfien u għas-suq tax-xogħol; iqis li jeħtieġ li jingħataw inċentivi għal aktar parteċipazzjoni tal-ħaddiema, tan-nies qiegħda u tal-gruppi soċjali vulnerabbli kollha fit-tagħlim għal tul il-ħajja, u li jìgu ffaċċjati b'mod effikaċi l-fatturi li jwasslu biex in-nies jitolqu mit-tagħlim qabel il-waqt, għaliex it-titjib fil-livell tal-kwalifiki professjonali u l-ksib ta' ħilet ġodda, jistgħu jwasslu għal reintegrazzjoni aktar rapida fis-suq tax-xogħol jew ikatru l-produttività u jgħinu lin-nies biex isibu impjiegi aħjar;
6. Jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni konkreta fil-livell tal-Istati Membri biex jistabbilixxu livell għad-dħul minimu abbażi ta' indikaturi rilevanti li jiggarrantixxu l-koeżjoni soċjoekonomika, inaqqsu r-riskju ta' diverġenzi fil-livelli ta' rimunerazzjoni għall-istess xogħol, inaqqsu r-riskju li jkollna popolazzjoni fqira fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, u jitlob li jkun hemm rakkomandazzjoni aqwa mill-Unjoni Ewropea dwar dawn it-tipi ta' azzjoni;
7. Jenfasizza li l-impjiegi jridu jitqiesu bħal waħda mis-salvagwardji l-aktar effettivi kontra l-faqar u li għalhekk għandhom jìgu adottati miżuri sabiex jinkuraġġixxu l-impjegar tan-nisa u t-twaqqif ta' objettivi kwalitattivi għall-impjiegi li jìgu offruti;

8. Jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali biex tħares liċ-ċittadini u l-konsumaturi minn kundizzjonijiet inġusti rigward il-ħlas lura ta' self u tal-karti ta' kreditu, u biex tistabbilixxi kundizzjonijiet rigward l-aċċess għas-self bil-għan li l-familji u l-individwi ma jitħallewx jaqgħu f'dejn eċċessiv u b'hekk jaqgħu fil-faqar u l-esklużjoni soċjali;
9. Jenfasizza n-natura multidimensjonali tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali u jinsisti dwar il-ħtieġa tal-integrazzjoni tal-objettivi soċjali u dwar l-importanza tad-dimensjoni u s-sostenibilità soċjali tal-politiki makroekonomiċi; iqis li l-objettivi soċjali għandhom jagħmlu parti integrali tal-istrateġija għall-ħruġ mill-kriżi kif ukoll tal-istrateġija Ewropa 2020 u tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, li jimplika orjentazzjoni soċjali konverġenti u evalwazzjoni effettiva tal-impatt soċjali li jggarantixxu d-definizzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet u tal-politiki, partikolarment tal-politiki monetarji, politiki tax-xogħol, politiki soċjali u makroekonomiċi, inkluż il-patt ta' stabbiltà u t-tkabbir, tal-politiki tal-kompettitività, tas-suq intern u tal-politiki baġitarji u fiskali; huwa tal-fehma li dawn il-politiki m'għandhomx jostakolaw il-koeżjoni soċjali u jeħtieġ jggarantixxu l-implimentazzjoni tal-miżuri konċernati u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ugwali sabiex ikun żgurat il-ħruġ mill-kriżi sostentibbli, ir-ritorn għall-konsolidazzjoni baġitarja u l-bidu ta' riformi li l-ekonomija għandha bżonn biex terġa' tinstab it-triq tat-tkabbir u tal-ħolqien ta' impjiegi; jappella sabiex jitwaqqfu politiki ta' appoġġ konkret għall-Istati Membri li l-aktar għandhom bżonnhom permezz ta' mekkaniżmi adegwati;
10. Iqis li l-ħolqien tal-impjiegi jeħtieġ li jkun prijorità għall-Kummissjoni u għall-gvernijiet tal-Istati Membri bħala l-ewwel pass biex jitnaqqas il-faqar;
11. Iqis li skemi nazzjonali ta' dħul minimu għandhom ikunu ingastati f'approċċ strateġiku dwar l-integrazzjoni soċjali, li jinvolvi sew politiki ġenerali kif ukoll miżuri mmirati - f'dak li jirrigwarda l-akkmodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ, is-servizzi soċjali - u b'hekk jgħin lin-nies biex joħroġu mill-faqar u jaħdmu huma stess lejn l-inklużjoni soċjali u l-aċċess għas-suq tax-xogħol; jemmen li l-objettiv reali tal-iskemi ta' dħul minimu mhuwiex biss li jgħinu lill-benefiċjarji, imma primarjament biex jakkumpanjahom ħalli minn sitwazzjonijiet ta' esklużjoni soċjali jgħaddu lejn ħajja attiva;
12. Jenfasizza l-ħtieġa li meta l-livelli tad-dħul minimu jkunu qed jiġu determinati, jittieħed kont xieraq tal-fatt li ħaddiema għandhom dipendenti, b'mod partikolari t-tfal, bil-għan li jinkiser iċ-ċirku vizzjuż tal-faqar tat-tfal; barra minn hekk, huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tfassal rapport annwali tal-progress li jkun sar fil-ġlieda kontra l-faqar tat-tfal;
13. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu riveduti l-politiki ta' awsterità li se jiġu imposti f'xi Stati Membri għal kontra l-kriżi, u jisħaq fuq l-importanza ta' miżuri effettivi ta' solidarjetà - inklużi rigward tisħiħ, mobilità, antiċipazzjoni tat-trasferiment u t-tnaqqis tal-kofinanzjament tal-finanzjament baġitarju - sabiex jinħolqu impjiegi diċenti, biex jingħata appoġġ lis-setturi produttivi u biex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u biex jiġu evitati forom ġodda ta' dipendenza u ż-żieda tad-djun;
14. Jemmen li l-introduzzjoni ta' skemi tad-dħul minimu fl-Istati Membri kollha tal-UE – li

jikkonsistu f' miżuri speċifiċi li jappoġġjaw persuni li d-dħul tagħhom mhuwiex biżżejjed permezz ta' appoġġ finanzjarju u faċilità għall-aċċess għas-servizzi – huwa wieħed mill-modi l-aktar effikaċi biex jiġi miġġieled il-faqar, ikun garantit standard ta' għajxien adegwat u tiġi inkoraġġita l-integrazzjoni soċjali;

15. Huwa tal-fehma li l-iskemi ta' dħul minimu jridu jiffissaw id-dħul minimu f'livell li jkun ekwivalenti għal tal-anqas 60 % tad-dħul medju fl-Istat Membru kkonċernat;
16. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir evalwazzjoni tal-politika tal-inklużjoni soċjali, tal-applikazzjoni tal-Metodu ta' Koordinazzjoni Miftuħ, l-issodisfar tal-objettivi komuni u tal-Pjanijiet Nazżjonali ta' Azzjoni fil-kuntest tal-iżvilupp tal-faqar, bil-għan li ssir azzjoni b'aktar impenn fil-livell nazżjonali u Ewropew u jiġi miġġieled il-faqar permezz ta' politiki li huma aktar inklużivi u koerenti u konnessi aħjar bejniethom, immirati sabiex sal-2015 jeradikaw il-faqar assolut u l-faqar tat-tfal, kif ukoll inaqqsu sostanzjalment il-faqar relattiv;
17. Itenni li huma kemm huma importanti l-iskemi ta' dħul minimu, jeħtieġ li dawn jiġu akkumpanjati minn strateġija kkoordinata fil-livell nazżjonali u fil-livell tal-UE li tiffoka fuq azzjonijiet wiesgħa u miżuri speċifiċi bħalma huma politiki attivi tas-suq tax-xogħol għal dawk il-gruppi li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ għal dawk li huma l-anqas tas-sengħa, għas-salarji minimi, il-politiki għall-akkomodazzjoni soċjali u d-dispożizzjoni ta' servizzi pubbliċi li jkunu għall-but ta' kulħadd, aċċessibbli u ta' kwalità;
18. Jinsisti fuq il-promozzjoni tal-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali biex jiġi żgurat ir-rispett effettiv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u fuq impenji ċari fir-rigward tal-formulazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea u l-politiki nazżjonali għall-għlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jemmen li jeħtieġ li jiġi żgurat aċċess aħjar, ta' natura universali, mingħajr ostakoli fiżiċi jew ostakoli ta' komunikazzjoni, għas-suq tax-xogħol, għas-servizzi pubbliċi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tat-taħriġ (mill-edukazzjoni taż-żgħar nett sal-ewwel snin tal-Università), tat-taħriġ professjonali, tal-akkomodazzjoni pubblika, tal-provvista tal-enerġija u l-protezzjoni soċjali; iqis li l-impjeggi għandhom ikunu aċċessibbli u ta' kwalità u jgħibu magħhom id-drittijiet; huwa tal-fehma li l-pagi għandhom ikunu dinjitużi u l-pensjonijiet ikollhom pensjoni bażika minima li tippermetti lill-pensjonanti li ħadmu tul ħajjithom kollha li jkollhom irtirar deċenti; iżid ukoll li l-iskemi ta' dħul minimu adegwat għal kulħadd għandhom isaħħu l-prevenzjoni kontra r-riskju tal-faqar u jiżguraw l-inklużjoni soċjali, kulturali u politika b'rispett għall-prattiki nazżjonali, ftehimiet kollettivi u l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri; jinnota wkoll li f'termini ta' perjodu twil ta' żmien, aktar ma l-Istati Membri jinvestu f'dawn id-diversi politiki, inqas ikun hemm bżonn ta' sistema bbażata fuq id-dħul minimu tal-familji; jenfasizza li miżuri bħal dawn għandhom jiġu adottati f'konformità stretta mal-prinċipju tas-sussidjarjetà tal-Istati Membri u tal-prattiki differenti, ftehimiet kollettivi u leġiżlazzjonijiet nazżjonali; huwa biss b'dan il-mod li jista' jkun garantit id-dritt ta' kull individwu jieħu sehem fil-ħajja soċjali, politika u kulturali;
19. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonnijiet ta' żgħażagħ li qed jiltaqgħu ma' problemi speċifiċi biex isibu posthom fil-ħajja ekonomika u soċjali u li qegħdin friskju li jtitilqu mill-iskola f'età bikrija; jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-għlieda kontra l-qgħad fost

iż-żgħażaġħ issir objettiv speċifiku bil-prijoritajiet tiegħu, billi jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' taħriġ professjonali, b'appoġġ għall-programmi tal-Komunità (Taħriġ tul il-Ħajja, Erasmus, Mundus) u b'inċentivi għall-intraprenditorija;

20. Jirrimarka li r-rata ta' studenti li jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien u l-aċċess ristrett għall-edukazzjoni superjuri u universitarja huma fatturi bażiċi fl-iżvilupp ta' rata għolja ta' qgħad fit-tul u jirrappreżentaw piż fuq il-koeżjoni soċjali; qisi li peress dawn iż-żewġ punti jinsabu fost l-obiettivi prijoritarji tal-Kummissjoni fl-Istrateġija 2020, għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-tfassil ta' azzjonijiet u politiki speċifiċi dwar l-aċċess taż-żgħażaġħ għall-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju, għotjiet għall-istudenti, self għall-istudenti u inizjattivi li jkollhom l-iskop li jagħmlu l-edukazzjoni skolastika aktar dinamika;
21. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tistudja l-impatt li jista' jkollha f'kull Stat Membru kull proposta leġiżlattiva li tista' tressaq fil-ġejjieni dwar l-introduzzjoni ta' dħul minimu adegwat fil-livell Ewropew; jissuġġerixxi, b'mod partikolari, li d-differenza bejn id-dħul minimu adegwat u l-paga minima fl-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll l-implikazzjonijiet li l-introduzzjoni ta' dħul minimu adegwat jista' jkollha għal dawk li jkunu qed ifittxu impjieġ; ikunu aspetti li jkopri dan l-istudju;
22. Jenfasizza l-importanza li jiġu adottati regoli dwar il-benefiċċji tal-qgħad li jservu biex iżommu lil dawk li jirċevuhom 'il bogħod mill-faqar, u l-importanza li l-Istati Membri jiġu inkuraġġiti jieħdu miżuri ħalli jinkuraġġixxu lill-persuni li jirritornaw fis-suq tax-xogħol biex jaċċettaw impjieġi mhux popolari, kif ukoll billi jiffaċilitaw il-mobilità fl-Unjoni Ewropea;
23. Jenfasizza li l-investimenti fl-iskemi tad-dħul minimu jikkostitwixxu element ewlieni fil-prevenzjoni u fit-tnaqqis tal-faqar u li anki fi żminijiet ta' kriżi, l-iskemi tad-dħul minimu ma għandhomx jitqiesu bħala fattur ta' spiża iżda bħala element ċentrali tal-ġlieda kontra l-kriżi, u li l-investimenti bikrija fil-ġlieda kontra l-faqar iġibu benefiċċju ewlieni fit-tnaqqis tal-ispejjeż fit-tul għas-soċjetà;
24. Jenfasizza r-rwol tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari fil-forma ta' assigurazzjoni għall-mard, benefiċċji tal-familja, pensjonijiet u benefiċċji tad-diżabilità, u jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lill-aktar membri vulnerabbli tas-soċjetà billi jiggerantulhom pakkett minimu ta' drittijiet, anke jekk huma jkunu qiegħda;
25. Jenfasizza d-dritt fundamentali tal-bniedem għal riżorsi u benefiċċji suffiċjenti li jippermettu għajxien deċenti li jixraq lid-dinjità tal-bniedem fil-kuntest ta' strument globali u koerenti fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Istati Membri, fil-kuntest ta' strateġija għall-inklużjoni soċjali, sabiex jadottaw politiki fil-livell nazzjonali meħtieġa għall-integrazzjoni ekonomika u soċjali tal-persuni kkonċernati;
26. Jiġbed l-attenzjoni għall-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema foqra u l-ħtieġa li din l-isfida l-ġdida tiġi ttrattata billi jitgħaqqdu strumenti differenti; jitlob li l-paga għall-għajxien għandha dejjem tkun oġhla mil-limitu tal-faqar, li l-ħaddiema li minħabba diversi raġunijiet jibqgħu taħt il-linja tal-faqar jirċievu żidiet li jkunu bla kundizzjonijiet u faċli biex jittieħdu; jiġbed l-attenzjoni dwar l-esperjenza pożittiva fl-Istati Uniti li japplikaw taxxa fuq id-dħul negattiv li tgħolli lill-ħaddiema b'paga baxxi 'l fuq mil-linja tal-faqar;

27. Jinnota li fil-Komunikazzjoni tagħha bl-isem “Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv”, il-Kummissjoni tipproponi li jkun hemm ħames objettivi kbar għall-UE u fosthom it-tnaqqis b'20 miljun persuna minn fost dawk mhedda mill-faqar; ifakkar li dan l-għan djindika pass lura mill-ambizzjonijiet inizjali tal-Istrateġija ta' Lisbona li sfortunatament ma setgħux jintlaħqu (il-qerda tal-faqar); iqis li l-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom jinqerdu b'miżuri kredibbli, konkreti u vinkolanti; jemmen li din iċ-ċifra mhix ambizzjuża biżżejjed u li l-objettiv ta' Ewropa ħielsa mill-faqar ma għandux jiġi abbandunat; iqis li għandhom jittieħdu miżuri adegwati u li jeħtieġ li ma' dan l-objettiv assolut jiżdied l-objettiv tat-tnaqqis tal-faqar f'kull Stat Membru sabiex kull wieħed jitħeġġeġ jipparteċipa fit-twettiq ta' dan l-objettiv u li jagħmluh kredibbli permezz ta' miżuri xierqa, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-politiki ta' appoġġ għall-persuni dipendenti; huwa tal-fehma li dan l-objettiv jeħtieġ jinkiseb permezz ta' miżuri konkreti u xierqa, b'mod partikulari bl-introduzzjoni ta' skemi ta' dħul minimu fl-Istati Membri kollha tal-UE;
28. Jemmen li għandha tingħata prijorità lill-ġlieda kontra l-inugwaljanza soċjali, speċjalment l-inugwaljanza ekonomika f'termini ta' dħul u d-distribuzzjoni tal-ġid, l-inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol, li jġibu l-insigurtà soċjali, u l-aċċess inugwali għall-funzjonijiet soċjali tal-Istat, bħall-assigurazzjoni soċjali, is-saħħa, l-educazzjoni, il-ġustizzja, eċċ.;
29. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri sabiex jibbażaw l-għan prinċipali tal-istrateġija "Ewropa 2020" għall-ġlieda kontra l-faqar fuq l-indikatur tal-faqar relattiv (60 % tal-limitu tad-dħul medju), kif approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Laeken f'Diċembru 2001, minħabba li dan l-indikatur jistabbilixxi r-realtà tal-faqar fil-kuntest ta' kull Stat Membru, billi jirrifletti fehim tal-faqar bħala kundizzjoni relattiva;
30. Jistieden lill-Istati Membri jittraduċu l-għan prinċipali tal-UE fir-rigward tal-faqar f'miri nazzjonali konkreti u li jistgħu jinkisbu dwar kwistjonijiet ta' prijorità tal-istrateġija tal-UE dwar l-inklużjoni soċjali, bħal kif sal-2015 ma jibqax aktar nies bla djar li jgħixu fit-triq , bi qbil mad-Dikjarazzjoni bil-Miktub Nru 0111/2007;
31. Jemmen li teħtieġ attenzjoni partikulari u miżuri addizzjonali għall-persuni bla dar, kemm mill-Istati Membri u kemm mill-Kummissjoni, bil-ħsieb li dawn jiġu integrati fis-soċjetà bis-sħiħ sal-2015 u dan jimplika l-ġbir ta' dejta kumparabbli u ta' statistika affidabbli fil-livell Komunitarju, kif ukoll il-pubblikazzjoni annwali tagħhom, flimkien ma' rendikont tal-progress miksub u tal-objettivi definiti fl-istrateġiji Komunitarji u nazzjonali għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
32. Iqis li huwa d-dmir ta' kull Stat Membru li jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiproteġi liċ-ċittadini tiegħu mill-vulnerabilità finanzjarja estrema billi jiżgura li dawn ma jidħlux f'livelli eċċessivi ta' dejn, partikolarment fil-forma ta' self bankarju, pereżempju billi jintaxxa lill-banek u lill-istituzzjonijiet finanzjarji li jaqblu li jsellfu lil persuni li ma jkollhom l-ebda valur ta' kreditu;
33. Iqis li għandu jsir impenn espliċitu mill-Istati Membri biex jimplimentaw Inklużjoni Attiva: it-tnaqqis tal-kundizzjonalità, l-investment fl-attivazzjoni ta' appoġġ, id-difiża ta' dħul minimu adegwat u ż-żamma tal-istandards soċjali billi l-qtugħ fis-servizzi pubbliċi ewlenin isir illegali ħalli ma jkunux il-foqra li jħallsu għall-kriżi;

34. Iqis li l-esperjenza diversifikata tad-dħul minimu u tad-dħul bażiku ggarantit għal kulħadd mingħar kundizzjonijiet, akkumpanjat minn miżuri addizzjonali ta' inklużjoni u ħarsien soċjali, turi li dawn huma mezzi effettivi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u sabiex jigggarantixxu ħajja dinjituża għal kulħadd; Jitlob għaldaqstant mingħand il-Kummissjoni inizjattiva biex tappoġġja esperjenzi oħrajn fl-Istati Membri li jikkunsidraw u jinkoraġġixxu l-prattiki ppruvati u li jistgħu jigggarantixxi individwalment mudelli varji ta' dħul minimu u dħul bażiku bħala miżura biex tevita u biex tiġġieled biex jinqered il-faqar l-faqar u jiġu żgurati l-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza tal-opportunitajiet għaċ-ċitadini kollha li fosthom irid jitnaqqas il-faqar fil-livell reġjunali rispettiv, b'rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u bla ma jiddgħajfu l-ispeċifiċitajiet ta' kull Stat Membru; iqis li din l-inizjattiva tal-Kummissjoni għandha twassal għat-tfassil ta' pjan ta' azzjoni maħsub biex jingħaqad mal-implimentazzjoni ta' inizjattiva Ewropea dwar id-dħul minimu fl-Istati Membri, b'rispett tal-prattiki differenti nazzjonali, ftehimiet kollettivi u leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri sabiex jinkisbu l-oġettivi li ġejjin:
- it-twaqqif ta' standards komuni u indikaturi dwar l-eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet tal-aċċessibbiltà għall-iskemi ta' dħul minimu
 - l-iffissar ta' kriterji biex jevalwaw liema livelli istituzzjonali u territorjali - inkluż l-involviment ta' msieħba soċjali u partijiet interessati konċernati - jistgħu jkunu l-aktar adegwati biex jimplementaw il-miżuri tal-skemi ta' dħul minimu,
 - it-twaqqif ta' indikaturi komuni u punt ta' referenza għall-valutazzjoni tar-riżultati, tal-eżiti u tal-effettività tal-politika kontra l-faqar,
 - l-iżgurar ta' segwitu u skambju effettiv tal-aħjar Prattiki;
35. Jenfasizza li dħul minimu adegwat huwa element indispensabbli għal ħajja dinjituża u huwa, flimkien mal-parteciġazzjoni soċjali, prirekwiżit għall-milja tal-potenzjal ta' kull persuna u għall-koperazzjoni ta' kulħadd fl-organizzazzjoni demokratika tas-soċjetà; jenfasizza li dħul li jiżgura kundizzjonijiet tajbin ta' għajxien barra minn hekk jikkontribwixxi, fil-livell politiku nazzjonali, għal dinamika pożittiva u fl-aħħar mill-aħħar, għall-prosperità;
36. Jemmen li l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar id-dħul minimu garantit għandha tqis ir-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE, li tirrikonoxxi "id-dritt bażiku ta' persuna li jkollha biżżejjed riżorsi u assistenza soċjali biex tgħix b'mod kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem", u jinsisti li l-oġettiv ċentrali tal-iskemi tal-appoġġ tad-dħul għandu jkun li jerfa' lin-nies mill-faqar u li jippermettilhom jgħixu ħajja deċenti, li jinkludu d-dritt għal pensjonijiet ta' invalidità deċenti u irtirar mix-xogħol dinjituż; fid-dawl ta' dan, jirakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi metodu komuni għall-kalkolu ta' dħul minimu għas-sopravivenza u ta' tal-għoli tal-ħajja ('basket tax-xiri' ta' oġġetti u servizzi), bil-ħsieb li tiżgura d-disponibbiltà ta' għodod ta' kejl komparattivi għal-livelli tal-faqar u li tistabbilixxi mezzi ta' intervent soċjali;
37. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti biex itejbu r-rikors għall-benefiċċji soċjali u biex jimmonitorjaw il-livelli ta' nuqqas rikors u l-kawżi ta' dan - ġaladarba skont l-OECD in-nuqqas rikors jirrappreżenta bejn 20 u 40 % tal-benefiċċji - permezz

ta' żieda fit-trasparenza, billi tingħata informazzjoni b'mod aktar effettiv, jitwaqqfu servizzi ta' konsulenza aktar effikaċi, jitħaffu l-proċeduri u billi jdaħħlu fis-seħħ miżuri u politiki effettivi għall-ġlieda kontra l-istigma u d-diskriminazzjoni marbuta mal-benefiċjarji tad-dħul minimu;

38. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm benefiċċju tal-qgħad li jiggarantixxi livell deċenti ta' għajxien għall-benefiċjarji, kif ukoll il-bżonn li jitnaqqas it-tul tal-assenzi mis-suq tax-xogħol, inter alia billi s-servizzi ta' impjieg tal-aġenziji pubbliċi għax-xogħol tal-istat isiru aktar effiċjenti;
39. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu adottati regoli dwar l-assigurazzjoni sabiex tiġi stabbilita rabta bejn il-pensjoni minima mħallsa f'kull Stat Membru u l-linja tal-faqar korrispondenti;
40. Jikkritika l-Istati Membri fejn l-iskemi ta' dħul minimu ma jilhqax il-linja tal-faqar relattiva; jafferma mill-ġdid t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun; jitlob li l-prattiki tajba u ħżiena jiġu ttrattati mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali;
41. Jiġbed l-attenzjoni dwar id-diskriminazzjoni maġġuri bbażata fuq l-età fir-rigward tal-Iskemi tad-Dħul Minimiu, bħall-iffissar ta' dħul minimu għat-tfal taħt il-linja tal-faqar jew l-esklużjoni taż-żgħażaġħ mill-iskemi tad-dħul minimu minħabba n-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali; jenfasizza li dawn id-diskriminazzjonijiet idgħajfu l-prinċipju tan-nonkundizzjonalità u d-deċenza tal-iskemi ta' dħul minimu;
42. Jenfasizza l-urġenza li jitfasslu u jintużaw indikaturi soċjoekonomiċi adegwati f'diversi oqsma bħas-saħħa, l-akkomodazzjoni, il-provvista tal-enerġija, l-inklużjoni soċjali u kulturali, il-mobilità, l-edukazzjoni, id-dħul (pereżempju l-koeffiċjent Gini li jista' jintuża biex jitkejlu x-xejriet tad-distakki fid-dħul), il-privazzjoni materjali, l-impjiegi u s-servizzi ta' għajnuna soċjali li jippermettu l-monitoraġġ u l-kejl tal-progress li jkun sar fil-ġlieda kontra l-faqar u dwar l-inklużjoni soċjali, li għandhom jiġu ppreżentati kull sena fil-Jum Dinji tal-Ġlieda kontra l-Faqar (is-17 ta' Ottubru), b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' din l-inklużjoni skont is-sess, il-firxiet tal-età, is-sitwazzjoni tal-familja, id-diżabilità, l-immigrazzjoni, il-mard kroniku u l-livelli differenti ta' dħul (60% tad-dħul medju, 50% tad-dħul medju, 40% tad-dħul medju) b'mod li jiġi kkunsidrat il-faqar relattiv, il-faqar estrem u tal-gruppi l-iktar vulnerabbli; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' dejta statistika tal-UE li tmur lil hinn minn indikaturi monetarji dwar sitwazzjonijiet ta' faqar estrem bħal dawk tan-nuqqas ta' akkomodazzjoni, li bħalissa mhumiex koperti mill-UE-SIL; jitlob li dawn iċ-ċifri soċjoekonomiċi ewlenin għandhom ikunu mxandra taħt forma ta' rapport annwali li jitressaq lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew għad-diskussjoni kif ukoll biex ikunu jistgħu jiġu determinati passi konkreti oħrajn;
43. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' għotjiet addizzjonali speċifiċi għal gruppi l-aktar żvantaġġjati (dawk b'diżabilità jew b'mard kroniku, familji b'ġenitur wieħed u familji b'numru kbir ta' tfal) sabiex ikopru l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mis-sitwazzjoni tagħhom, b'mod partikulari permazz ta' assistenza personali, l-użu ta' faċilitajiet speċifiċi, il-kura medika u l-appoġġ soċjali;
44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE sabiex jeżaminaw kif mudelli differenti ta' dħul bażiku għal kulħadd mhux kundizzjonat sabiex jevitaw il-faqar, ikunu

jistgħu jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali, kulturali u politika, billi b'mod speċjali jitqies il-karattru mhux stigmatizzanti tagħhom u l-ħila tagħhom li jipprevjenu każi ta' faqar moħbi;

45. Huwa tal-fehma li, fir-rigward tal-politiki tat-tnaqqis tal-faqar li jakkumpanjaw l-istabbiliment ta' dħul minimu adegwat fl-Istati Membri, il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni għandu jiġi rivedut sabiex ikun jista' jsir skambju reali tal-aħjar prattiki fosthom;
46. Jinnota li d-dħul minimu jista' biss jilħaq l-għan tiegħu li jiġġieled kontra l-faqar jekk ikun ħieles mit-taxxi u jirrakkomanda li tiġi kkunsidrata l-idea li l-livell tad-dħul minimu jintrabat mal-varjazzjonijiet fit-tariffi tas-servizzi kollha;
47. Ifakkar li r-riskju tal-faqar estrem huwa akbar għan-nisa milli għall-irġiel minħabba n-nuqqasijiet li hemm fis-sistemi soċjali u d-diskriminazzjoni kontinwa, speċjalment fis-suq tax-xogħol u dawn jeħtieġu soluzzjonijiet politiki speċifiċi u multipli skont it-differenza bejn is-sessi u s-sitwazzjonijiet konkreti;
48. Jemmen li l-faqar li jolqot lil persuni li għandhom impjeg jimplika kundizzjonijiet tax-xogħol inġusti, u jitlob li jsiru sforzi sabiex tinbidel din is-sitwazzjoni permezz tal-pagi b'mod ġenerali, u l-livelli tal-pagi minimi b'mod partikulari, kemm jekk ikunu regolati mil-liġi kemm jekk permezz ta' negozjar kollettiv, u li jkunu jistgħu jiżguraw livell ta' għajxien deċenti;
49. Jitlob li jkun hemm integrazzjoni ta' persuni li jgħixu fil-faqar (li għalihom l-inizjattivi għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol trid tkun imħeġġa bil-qawwi) u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jibdew djalogu mal-persuni u l-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar, in-netwerks tagħhom, kif ukoll l-imsieħba soċjali; iqis li jeħtieġ tingħata attenzjoni sabiex il-persuni li jgħixu fil-faqar u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom isiru partijiet involuti u jirċievu l-appoġġ u r-riżorsi finanzjarji u riżorsi oħrajn biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fit-tfassil tal-politiki, tal-miżuri, tal-indikaturi u tal-applikazzjoni tagħhom fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikulari rigward il-programmi nazzjonali ta' riforma tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali; jenfasizza barra minn hekk il-hteġa li tissaħħaħ l-azzjoni kontra dawk li jħaddmu b'mod illegali gruppi marġinalizzati bi ħlas inqas mid-dħul minimu;
50. Iqis li għandhom isiru sforzi sostnuti u estensivi biex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali sabiex titjieb il-qagħda tal-persuni li huma l-aktar esposti għar-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni, bħall-persuni li għandhom xogħol prekarju, il-persuni qiegħda, il-familji b'ġenitur wieħed, l-anzjani li jgħixu waħedhom, in-nisa, it-tfal żvantaġġati, il-minoritajiet etniċi u l-morda jew dawk b'diżabilità;
51. Jiddispijaċih ħafna li xi Stati Membri jidhru li m'humiex jirrispettaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE li tirrikonoxxi "id-dritt bażiku ta' persuna li jkollha riżorsi adegwati u assistenza soċjali biex tgħix b'mod li jkun kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem";

52. Jinsisti li l-imsieħba soċjali għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fit-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jiġġieldu l-faqar u d-determinazzjoni ta' miri ta' referenza f'kull livell tal-governanza;
53. Jenfasizza l-bżonn li jiġu pjanati u implimentati azzjonijiet immirati permezz ta' politiki attivi dwar l-impjiegi f' livell ġeografiku, settorjali u kummerċjali, u bl-involvement attiv tas-sħab soċjali, sabiex tingħata spinta lill-aċċess għas-suq tax-xogħol għal persuni minn setturi jew reġjuni ġeografiċi li għandhom rati ta' qgħad partikularment għoljin;
54. Jenfasizza l-bżonn li tingħata attenzjoni lil sezzjonijiet magħżula tal-popolazzjoni (il-migranti, in-nisa, il-persuni qiegħda qrib l-età tal-irtirar mix-xogħol, eċċ), bil-għan li jittejjbu l-ħiliet, jiġi evitat il-qgħad u jissaħħaħ it-tessut tal-integrazzjoni soċjali;
55. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu miżuri favur l-integrazzjoni ta' żgħażagħ u anzjani fis-suq tax-xogħol peress li dawn huma gruppi vulnerabbli li jinsabu milquta b'mod gravi min-nuqqas ta' impjiegi kaġun tar-reċessjoni attwali;
56. Jenfasizza li l-iskemi ta' dħul minimu għandhom ikopru l-ispejjeż tal-fjuwil sabiex jippermettu li d-djar fqar affettwati mill-faqar enerġetiku jkunu jistgħu jħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom; l-iskemi ta' dħul minimu għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet realistiċi ta' kemm jiswa t-tiħin ta' dar u jkunu relatati mal-bżonnijiet domestiċi speċifiċi - eż. familja bi tfal, anzjani u persuni b'diżabilità.
57. jenfasizza li minkejja li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-UE27 għandhom skemi nazzjonali ta' dħul minimu, għad hemm diversi oħrajn li ma għandhomx; jitlob lill-Istati Membri biex jipprovdu skemi ta' dħul minimu garantit li jipprevjenu l-faqar u li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, u jhegġgħom sabiex jiskambjaw l-aħjar Prattiki; jirrikonoxxi li fejn hemm dispożizzjoni għall-assistenza soċjali l-Istati Membri għandhom id-dmir li jiżguraw li ċ-ċittadini jifhmu u jkunu jistgħu jiksbu d-drittijiet tagħhom;
58. Jinkariga lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali

L-aħħar dejta dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali ġiet ippubblikata mill-Eurostat¹ f'Jannar 2010 fir-rapport tiegħu dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-2008 (ara t-Tabella I).

Wieħed jista' jinnota minn din li minkejja d-dikjarazzjonijiet kollha dwar it-tnaqqis fil-faqar, l-inugwaljanzi soċjali marru għall-agħar u hemm kważi 85 miljun persuna mhedda bil-faqar fl-Unjoni Ewropea (17% minn madwar 500 miljun abitant tal-Unjoni Ewropea, fi tmiem is-sena 2008, kienu jgħixu taħt il-linja tal-faqar, anki wara t-trasferimenti soċjali²), filwaqt li fl-2005, dan il-perċentwali kien ta' 16% u fl-2000 ta' 15% fl-UE-15.

Ir-rata tar-riskju tal-faqar hija ogħla għat-tfal u ż-żgħażaġh li għandhom sas-17-il sena milli għall-popolazzjoni kollha. Din ir-rata fl-2008 kienet tilħaq l-20% fl-UE-27; fi kliem ieħor, tifel u żagħżuġh minn kull ħamsa huma vittmi tal-faqar, fejn l-ogħla rati li ġew irreġistrati kienu fir-Rumanija (33%), il-Bulgarija (26%), l-Italja u l-Latvja (25%), Spanja (24%), il-Greċja, il-Portugall, il-Litwanja u r-Renju Unit (23% kull wieħed) u l-Polonja (22%), u l-iktar rati baxxi kienu rreġistrati fid-Danimarka (9%), fis-Slovenja u fil-Finlandja (12% kull wieħed).

L-anzjani wkoll huma esposti għal riskju ogħla ta' faqar milli hi l-popolazzjoni ġenerali. Ir-rata tar-riskju tal-faqar tal-anzjani ta' 65 sena jew iktar kienet ta' 19% fl-UE-27 fl-2008.

Madankollu, in-numru ta' ħaddiema fqar qiegħed jiżdied. Hemm iktar minn 19-il miljun ħaddiem f'sitwazzjoni ta' faqar. Dan ifisser li minkejja l-fatt li jekk wieħed ikollu impjieg dan inaqqas tabilħaqq ir-riskju ta' faqar, il-proliferazzjoni tal-impjiegi prekarji u b'pagi baxxi se twassal għal żieda tal-perċentwali ta' ħaddiema mhedda mir-riskju tal-faqar. Fl-2008, ir-rata tar-riskju tal-faqar tal-popolazzjoni li għandha impjieg kienet ta' 8% bħala medja fl-UE-27 fl-2008 u l-ogħla rati li ġew irreġistrati kienu fir-Rumanija (17%), il-Greċja (14%), il-Polonja u l-Portugall (12% kull wieħed), Spanja u l-Latvja (11% kull wieħed).

Sabiex inħejju tabella ikbar li turi l-esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea, huwa possibbli li naslu għar-rata kompleta tar-riskju tal-faqar, li huwa kejl relattiv, permezz tar-rata ta' privazzjoni materjali, li tkejjel l-esklużjoni soċjali f'termini iktar assoluti. Ir-rata ta' privazzjoni materjali hija definita bħala n-nuqqas mhux mixtieq ta', mill-inqas, tliet elementi materjali minn disgħa. Id-disa' elementi materjali li jiffurmaw dan l-indikatur huma:

- il-kapaċità li wieħed jiffaċċja spiża imprevista,
- il-kapaċità li annwalment wieħed ikun kapaċi jmur għal vaganza ta' ġimgħa lil hinn minn art twelidu,
- l-eżistenza ta' hłasijiet pendenti (rimborżi ipotekarji jew ta' interessi, kontijiet attwali, pagamenti fix-xahar għall-kiri/bejgħ jew rimborż ieħor ta' self),

¹ Kundizzjonijiet tal-għajxien fl-2008 - Eurostat tat-18/01/10.

² Il-limitu minimu nazzjonali tar-riskju tal-faqar ġie stabbilit għal 60% tad-dħul medjan nazzjonali, limitu li huwa inferjuri mid-dħul medju.

- il-kapaċità li wieħed ikun jippermetti ikla magħmula minn laħam, tiġieġ jew ħut (jew l-ekwivalenti f'ħaxix) darba kull jumejn,
- il-kapaċità li wieħed isaħħan daru b' mod konvenjenti.
- il-pussess ta' magna tal-ħasil,
- il-pussess ta' televixin bil-kulur,
- il-pussess ta' telefown,
- il-pussess ta' karozza privata.

Hekk kif wieħed jista' jara f' Tabella II, din ir-rata ta' privazzjoni materjali fil-livell tal-Unjoni Ewropea fl-2008 kienet ukoll ta' 17%, iżda kienet ferm ogħla f' għaxar Stati Membri: 51% fil-Bulgarija, 50% fir-Rumanija, 37% fl-Ungerija, 35% fil-Latvja, 32% fil-Polonja, 28% fis-Slovakkja, 27% fil-Litwanja, 23% f' Ċipru u fil-Portugall u 22% fil-Greċja.

Huwa essenzjali li nintegraw il-prevenzjoni tal-faqar u l-ġlieda kontrib u kontra l-esklużjoni fil-politiki l-oħra, b' mod partikolari sabiex jiġi żgurat l-aċċess universali għas-servizzi pubbliċi, għall-impjiegi ta' kwalità u bid-drittijiet u għal dħul li jippermetti li persuna tgħix b' mod dinjituż. Dan kollu jimplika kambjamenti fil-politiki attwali tal-Unjoni Ewropea, u distakk minnhom.

Ma nistgħux ninsew li, skont sħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru dwar l-attitudnijiet taċ-ċittadini tal-UE meta ffaċċjati bil-faqar, il-maġġoranza tagħhom (73%) iqisu li l-faqar huwa problema li tinsab fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, 89% jitolbu li l-gvernijiet tagħhom jieħdu azzjoni b'urġenza biex jiġġieldu kontra dan il-fenomeno u 74% jistennew li l-UE jkollha wkoll rwol importanti f' dan il-kuntest.

2. Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar

L-Aġenda soċjali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2005-2010 għamlet progress meta s-sena 2010 ntgħażlet bħala s-“Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali”, billi ġie ddikjarat li l-għan tagħha huwa li tikkonferma u ssaħħaħ mill-ġdid l-impenn politiku li l-UE ħadet sa mill-bidu nett hekk kif ġiet immedija l-Istrateġija ta' Lisbona bl-għan li jingħata “impatt deċiżiv fuq il-qerda tal-faqar”.

L-istudju tal-Eurostat¹ dwar ir-riskju tal-faqar qabel u wara t-trasferimenti soċjali, skont l-età u s-sess, għas-sena 2007, jindika l-importanza tat-trasferimenti soċjali għall-prevenzjoni tal-faqar, iżda n-nisa u t-tfal jibqgħu dawki li jintlaqtu l-iktar mill-qgħad, mix-xogħol prekarju u mħallas ħażin, mid-diskriminazzjonijiet fil-pagi u mill-allowances u l-pensjonijiet. (ara t-tabella t'hawn taħt)

¹ “Combating poverty and social exclusion – a statistical portrait of the European Union 2010” (Il-ġlieda kontra l-faqar u l-eskluzjoni soċjali – deskrizzjoni statistika tal-Unjoni Ewropea 2010)

Qabel it-trasferimenti soċjali - riskju ta' faqar				
	Inqas minn 18-il sena	Iktar minn 65 sena	Irġiel	Nisa
UE27	33%	24%	25%	27%

Wara t-trasferimenti soċjali - riskju ta' faqar				
	Inqas minn 18-il sena	Iktar minn 65 sena	Irġiel	Nisa
UE27	20	20	16	18

Tajjeb li nżommu f'moħħna l-għanijiet u l-prinċipji gwida tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, li huma: ir-rikonoxximent tad-drittijiet, il-kondiviżjoni tar-responsabilità u l-parteċipazzjoni, il-koeżjoni, l-impenn u l-azzjonijiet konkreti. Miżuri konkreti huma meħtieġa sabiex fil-livell tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri, dawn l-għanijiet jiġu integrati fil-politiki ġenerali, b'mod partikolari fil-miżuri kontra l-kriżi ekonomika u soċjali, sabiex tingħatalhom tifsira Prattika u sabiex huma jkollhom effetti konkreti għat-tnaqis tal-faqar.

Barra minn hekk, tajjeb li nindikaw li l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha fit-tweġġ tal-Għanijiet tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti u r-risoluzzjoni li tiddikjara t-tieni deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-qerda tal-faqar (2008 - 2017). Fatt li, sfortunatament, mhuwiex imniżżel fid-dokument tal-Kummissjoni Ewropea bl-isem "Strateġija Ewropa 2020" li jikkontenta ruħu li jqis li l-ħruġ mis-sitwazzjoni ta' riskju tal-faqar ta' 20 miljun persuna huwa wieħed mill-ħames għanijiet tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, din il-proposta ma tfissirx biss distakk fir-rigward tal-għanijiet inizjali tal-Istrateġija ta' Lisbona, iżda hija ta' xkiel ukoll għat-tweġġ tal-Għanijiet tal-Millennju li jitnaqqas bin-nofs in-numru ta' persuni li jgħixu taħt il-linja tal-faqar. Għaldaqstant, jeħtieġ li għall-inqas dan l-għan jiġi rduppjat u jsir kredibbli bl-għajnuna tal-miżuri adegwati.

Jeħtieġ li ninvestu fil-promozzjoni tal-integrazzjoni u tal-inklużjoni soċjali, bl-għan li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u fl-impjenji evidenti fir-rigward tal-formulazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea u tal-politiki nazzjonali għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, biex jiġi żgurat l-aċċess universali għas-servizzi pubbliċi essenzjali u għad-dritt għall-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, għall-akkomodazzjoni, għall-protezzjoni soċjali, għall-impjieġ bid-drittijiet, għall-pagi ġusti, għal riformi dinjitużi u għal dħul deċenti għal kulħadd.

In-natura b'ħafna dimensjonijiet tal-faqar u l-esklużjoni soċjali teżiġi l-eżistenza ta' dimensjoni soċjali fir-rigward tas-sostenibilità soċjali tal-politiki makroekonomiċi bħala parti integrali tal-istrateġija biex noħorġu mill-kriżi, u tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, fatt li jfisser tibdil fil-prijoritajiet u fil-politiki, partikolarment dawk monetarji, inkluż fil-qafas tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, fil-politiki ta' kompetizzjoni, tas-suq intern, f'dawk baġitarji u fiskali. Tajjeb ukoll li jiġi stabbilit għan globali, billi tingħata prijorità lill-koeżjoni

ekonomika u soċjali u lid-difiża tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ħaġa li tinvolvi bilanċ bejn il-politiki ekonomiċi, dawk tal-impjeg, il-politiki soċjali u ambjentali u t-tqassim mill-ġdid ġust tar-riżorsi u tad-dħul.

3. Ir-rwol tad-dħul minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u favur l-inklużjoni soċjali

Rajna li l-aħjar mezz li bih nistgħu niġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa l-prevenzjoni. Għaldaqstant, ikun tajjeb li:

- intejbu l-kwalità tal-impjegi u l-pagi, bażi essenzjali tal-iżvilupp u tal-ħruġ mill-kriżi;
- nistabbilixxu dritt reali għad-dħul, liema dritt huwa kkunsidrat bħala investiment soċjali bażiku;
- nagħtu garanzija ta' pensjonijiet u sussidji għall-familji li jkunu deċenti;
- niżguraw l-aċċess universali għas-servizzi pubbliċi ta' kwalità.

Flimkien mal-prijorità li tingħata lill-impjegi bi drittijiet, ta' kwalità u b'pagi ġusti, li jagħtu garanzija li dawk kollha li għandhom xogħol jistgħu joħorġu mis-sitwazzjoni ta' faqar, tajjeb li nżommu f'moħħna li iktar minn 23 miljun persuna jinsabu qiegħda, huma esklużi mis-suq tax-xogħol, u li għandna niżguraw li dawn ikollhom sussidju għall-qgħad sabiex ikunu jistgħu jgħixu b'mod dinjituż.

Nagħrfu r-rwol importanti tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' koeżjoni soċjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, nagħtu garanzija tal-inklużjoni soċjali, intejbu l-livell ta' taħriġ tal-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, nagħtu garanzija tad-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza tal-opportunitajiet.

Jeżistu diversi livelli tal-popolazzjoni u tal-gruppi li huma l-iktar vulnerabbli, mingħajr ma ninsew il-persuni bi bżonnijiet speċjali, l-immigranti, il-familji kbar jew b'ġenitur wieħed, il-persuni b'mard kroniku u l-persuni bla dar, li għandhom bżonn l-ghajjnuna li tippermettilhom li jgħixu b'mod dinjituż. L-esperjenza vasta tad-dħul minimu fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, akkumpanjat minn miżuri ta' inklużjoni soċjali, turi li dan huwa mezz kumplimentari essenzjali kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Għaldaqstant, bħala element prinċipali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, il-provvista ta' dħul minimu tista' tiġi definita bħala somma finanzjarja garantita għal dawk li ma jistgħux jikkwsitawh mingħajr ghajjnuna. Id-dritt għal salarju minimu huwa universali (japplika għaċ-ċittadini kollha) u mhux ta' natura kontributorja (ma jirrikjedix hłasijiet perjodiċi għal fond bħal ma huwa l-każ tal-assigurazzjonijiet).

Din il-miżura teżisti f'diversi pajjiżi Ewropej u hija kkaratterizzata, fil-formulazzjonijiet diversi tagħha, mill-garanzija ta' livell minimu ta' dħul, ikkunsidrat bħala essenzjali għas-sussistenza taċ-ċittadini, kif ukoll għall-iżvilupp ta' miżuri ta' inċentiv sabiex il-benefiċjarji tagħhom isiru awtonomi fir-rigward ta' din l-ghajjnuna. Hija ttieħdet wara r-rakkomandazzjoni 92/441/KE li tat definizzjoni tal-kriterji komuni dwar "ir-riżorsi suffiċjenti u l-assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali".

Fl-Aġenda soċjali, ippubblikata fi Frar 2005, il-Kummissjoni Ewropea rrepetiet l-impenn tagħha li tippubblika komunikazzjoni dwar dan is-suġġett, hekk li wettqet fi Frar 2006, taħt forma ta' konsultazzjoni.

Wara, fl-2008, il-Kummissjoni ressqet ir-Rakkomandazzjoni COM (2008)0639 tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies l-iżjed esklużi mis-suq tax-xogħol u l-PE approva r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istess suġġett.

Għalhekk, wasal iż-żmien li nerġgħu lura għall-impenji preċedenti tal-1992, iżda din id-darba sabiex inżidu magħhom u ntejbu l-effiċjenza tagħhom billi naraw li l-imsemmija “inklużjoni attiva” ma tkunx sinonimu ta' pass lura għal dawk kollha li fitt għandhom ċans jidħlu fis-suq tax-xogħol bi drittijiet u pagi ġusti, billi din jeħtieġ parteċipazzjoni fil-proċess kollu tal-fqar u dawk esklużi, u tal-ħaddiema u l-organizzazzjonijiet soċjali u t-trejdjunjonistiċi li jirrappreżentawhom.

Tabella I - Il-linja tal- faqar u rata ta' riskju ta' faqar

	Il-linja tal-faqar (f'PPS)	Rati ta' riskju ta' faqar għall-popolazzjoni:			
		totali	mit-twelid sa 17-il sena	mit-twelid sa 65 sena jew iktar	li għandha impjeg
UE27	-	17 p	20p	19p	8p
Il-Belġju	10100	15	17	21	5
Il-Bulgarija	2800	21	26	34	7
Ir-Repubblika Ċeka	5800	9	13	7	4
Id-Danimarka	10500	12	9	18	5
L-Estonja	10600	15	15	15	7
Il-Ġermanja	4700	19	17	39	7
L-Irlanda	10900	16	18	21	6
Il-Greċja	7200	20	23	22	14
Spanja	8400	20	24	28	11
Franza	9700	13	17	11	7
L-Italja	9000	19	25	21	9
Ċipru	11300	16	14	49	6
Il-Latvja	4400	26	25	51	11
Il-Litwanja	4200	20	23	29	9
Il-Lussemburg u	16500	13	20	5	9
L-Ungerija	4000	12	20	4	5
Malta	7800	15	20	22	5
Il-Pajjiżi l-Baxxi	11300	11	13	10	5
L-Awstrija	11200	12	15	15	6
Il-Polonja	3900	17	22	12	12
Il-Portugall	5800	18	23	22	12
Ir-Rumanija	1900	23	33	26	17
Is-Slovenja	8400	12	12	21	5
Is-Slovakkja	4000	11	17	10	6
Il-Finlandja	9600	14	12	23	5
L-Isvezja	10400	12	13	16	7

Ir-Renju Unit	11600p	19p	23p	30p	9p
---------------	--------	-----	-----	-----	----

Tabella II - Privazzjoni materjali, 2008

	Rata ta' privazzjoni materjali	Perċentwali tal-popolazzjoni li m'għandhiex il-mezzi:			
		li jippermettulha li annwalment tkun kapaċi tmur għal vaganza ta' ġimgħa lil hinn minn art twelidha	biex issaħħan darha b'mod konvenjenti	li jippermettulha ikla magħmula minn laħam, tiġieġ jew ħut (jew l-ekwivalenti f'ħaxix) kuljum	li jippermettulha li jkollha karozza privata
UE27	17e	37	10e	9	9
Il-Belġju	12	26	6	5	6
Il-Bulgarija	51	59	34	30	28
Ir-Repubblika Ċeka	16	39	6	12	11
Id-Danimarka	:	10	:	2	8
L-Estonja	13	25	6	11	5
Il-Ġermanja	12	44	1	5	17
L-Irlanda	14	30	4	3	9
Il-Greċja	22	50	15	7	9
Spanja	9	34	5	2	5
Franza	13	32	5	8	4
L-Italja	16	40	11	8	3
Ċipru	23	46	29	5	1
Il-Latvja	35	55	17	23	24
Il-Litwanja	27	60	22	19	13
Il-Lussemburgu	4	12	1	2	2
L-Ungerija	37	67	10	26	20
Malta	13	65	9	10	2
Il-Pajjiżi l-Baxxi	5	14	2	2	5
L-Awstrija	14	28	4	13	7
Il-Polonja	32	63	20	21	17
Il-Portugall	23	64	35	4	9
Ir-Rumanija	50	76	25	19	49
Is-Slovenja	17	30	6	12	3

Is-Slovakkja	28	57	6	29	20
Il-Finlandja	9	18	2	3	8
L-Isvezja	5	11	1	2	3
Ir-Renju Unit	11	24	6	4	5

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.6.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 5 0: 14
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Pervenche Berès, Mara Bizzotto, Milan Cabrnock, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Sergio Gaetano Cofferati, Marije Cornelissen, Frédéric Daerden, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Thomas Händel, Marian Harkin, Roger Helmer, Nadja Hirsch, Liisa Jaakonsaari, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Adam Kósa, Jean Lambert, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Öry, Rovana Plumb, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Jutta Steinruck
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Silvia Costa, Julie Girling, Joe Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Jan Kozłowski, Ria Oomen-Ruijten, Csaba Sógor